# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 1 ta' Lulju, 2002**

**Appell Nru 120/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo sive Charles Grech**
**(I.D. 97939M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo sive Charles Grech talli (**1**) fis-17 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tal-13.50 hrs f'Haz-Zabbar, waqt li kien qed isuq il-vettura nru. HMY257 qasam il-linja/l bojod kontinwi, (**2**) saq l-imsemmija vettura kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalita`, u (**3**) saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont; l-ewwel qorti giet mitluba mill-prosekuzzjoni sabiex tiskwalifika lill-imsemmi Grech mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti ddikjarat preskritta l-azzjoni fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, izda sabet lill-imsemmi Carmelo sive Charles Grech hati skond it-tielet imputazzjoni, ikkundannatu multa ta' hamsin lira (Lm50) u skwalifikatu ghal tlett xhur milli jkollu licenzji tas-sewqan;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza, debitament akkordata fit-2 ta' Mejju, 2002; rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Carmelo sive Charles Grech, minnu ppresentat fl-14 ta' Mejju, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju huwa wiehed semplici, u hu fis-sens li dak li ghamel ma kienx jammonta ghal sewqan bla kont. Mill-provi jirrisulta li dak li gara kien li waqt li l-appellant kien qed isuq *mini-bus* mimlija tfal ta' l-iskola u gie biex johrog minn triq sekondarja ghal fuq triq principali, flok ma dar (kif kellu jdur anke skond is-senjaletika stradali li

kien hemm fl-inkrocju) lejn ix-xellug, tela' bicca mit-triq principali, dar mar-*roundabout*, u rega' nizel it-triq principali fuq il-karreggjata l-ohra fid-direzzjoni fejn ried imur – flok ma ghamel dan kollu kiser lejn il-lemin, qasam il-karreggjata l-aktar vicin tieghu tat-triq principali u, wara li qasam ukoll il-linji bojod kontinwi li jiddividu z-zewg karreggjati tat-triq principali, dahal fil-karreggjata l-ohra fid-direzzjoni li ried imur ghaliha. Kif fisser ix-xuhd P.C. 1476 Kevin Galea, kien hemm vetturi fuq iz-zewg karreggjati tat-triq principali li waqfu biex icedulu sakem l-appellant jaghmel din il-manuvra kontra l-ligi. Jirrizulta wkoll minn dana x-xhud li ma kien hemm ebda vettura fit-triq principali li kellha tieqaf ghal gharrieda minhabba din il-manuvra ta' l-appellant. Jibqa' l-fatt, pero`, li l-appellant ghamel manuvra skonsiljata ghall-ahhar. Minn kien ghaddej mit-triq principali kellu dritt jistenna li ma jkun hemm hadd li jipprova jaqsam il-karreggjati bil-mod kif qasamhom l-appellant. Certament is-sewqan tal-appellant kien, fic-cirkostanzi, wiehed traskurat ("negligent", fit-test Ingliz tal-ligi – Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65), ghalkemm din il-Qorti hi propensa li taqbel ma' l-appellant li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz wiehed ma jistax jitkellem fuq sewqan bla kont ("reckless" fit-test Ingliz tal-ligi) (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Alfred Mifsud***). Id-delitt ta' sewqan traskurat huwa kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti hi partikolarment preokkupata mill-fatt li l-appellant kien qed isuq vettura mimlija tfal ta' l-iskola. Il-genituri li jafdaw tfal ta' l-iskola f'idejn sewwieqa ta' *buses* jew *mini-buses* <u>ghandhom bi dritt jistennew li s-sewqan tal-vettura jkun wiehed tajjeb u prudenti ghall-ahhar</u>. L-imprudenza jew negligenza fis-sewqan tista' twassal ghal konsegwenzi serji; u min hobzu jiddependi proprju mis-sewqan ta' vetturi bil-mutur ghandu jkun hu li jaghti ezempju ta' sewqan prudenti u skond il-ligi. Ghalhekk, fir-rigward tat-tieni aggravju – li jirrigwarda l-piena – din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena ghadnha tirrifletti l-gravita` tal-kaz.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' sewqan bla kont, u minflok issibu hati ta' sewqan traskurat; thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn skwalifikatu ghal tlett xhur mill-licenzji tas-sewqan, u minflok tiskwalifikah minn dawn il-licenzji ghall-periodu ta' sitt gimghat mill-lum; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Deputat Registratur